**Laqgha Numru 15/K6/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti tal-Hmistax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar il-Hamis 6 ta' Novembru 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-7.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava kien skuzat minhabba li jinsab barra minn Malta.

Ghall-laqgha, fuq talba tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u bl-approvazzjoni tas-Sindku Joe Zammit kien hemm il-prezenza tal-Pulizija.

Ghal xi hin kien hemm ukoll il-prezenza tal-pubbliku.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fil-31 ta' Ottubru 2008. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 14/K6/2008.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 143/K6/2008.**
- **03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **05. Mistoqsijiet.**
- **06. Korrispondenza.**
- **07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **09. Tenders 1,2,3,4,5 u 6/08 u kwotazzjonijiet 8,9,10,11, u 12/08.**
- **10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **11. Materji Ohra**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 14/K6/2008.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 14/K6/2008 kifipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 14/K6/2008.

2.01. Peress li ma kienx hemm punti pendenti s-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 73/2008** b'rapport ta' l-offerti u l-kwotazzjonijiet **(Ara dokument A); Internal Memo 74/2008** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 14/K6/2008 u 15/K6/2008 **(Ara dokument B) Internal Memo 75/2008** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 14/K6/2008 u 15/K6/2008 **(Ara dokument C) u Internal Memo 76/2008** b'rapport tal-mawra li saret f'Roccalumera **(Ara dokument D).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati.

4.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat tat rendikont tal-kontenut t'Internal Memo 76/2008 fosthom tal-laqgha li nghataw mill-Kunsill ta' Mandanici.

4.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill li tintbaghat ittra ta' ringrazzjament lil dan il-Kunsill.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan l-item ma jsirx kif ukoll li l-Kunsill l-ewwel jiddiskuti item 9 qabel item 7 u 8.

6.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Tenders 1,2,3,4,5 u 6/08 u Kwotazzjonijiet 8,9,10,11, u 12/08.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-laqgha tal-Kunsill tigi sospiza sabiex ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla tat-Tenders u l-Kwotazzjonijiet.

9.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

***9.04. Il-laqgha giet sospiza fis-7.50 pm.***

***9.05. Il-laqgha tkompliet fit-8.50 pm.***

9.06. Is-Segretraju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord ta' l-Ghazla. **(Ara Dokument E)**

9.07. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla kienet li **Tender 01/2008 - Professional Services of an Architect & Civil Engineer tinghata lill-Perit Kevin Fsadni.**

9.08. Il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu japprova din ir-rakkomandazzjoni abbazi li l-Kunsill huwa kuntent bis-servizz li diga qed joffri kif ukoll abbazi li l-prezzijiet tieghu huma ragonevoli.

9.09. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

9.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.11. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla kienet li **Tender 02/2008 - Upkeep, Maintenance, Construction & Reconstruction of Pavements tinghata lill-J & K Contractors Limited.**

9.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni abbazi li l-Kunsill ghandu relazzjonijiet tajba mal-kumpanija kif ukoll li l-prezzijiet tieghu huma kompetittivi hafna meta jitqies li huma l-istess prezzijiet ta' tlett snin ilu.

9.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.15. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla kienet li **Tender 03/2008 - Upkeep, Maintenance, Construction & Reconstruction of Roads & Patching tinghata lil Ell's Urban Services** u ghalhekk ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni abbazi li l-Kunsill ghandu relazzjonijiet tajba mal-kumpanija kif ukoll li l-prezzijiet tieghu huma kompetittivi hafna u huma l-irhas offruti.

9.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.18. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla kienet li **Tender 05/2008 - Upkeep & Maintenance of Traffic Signs tinghata lill-Koptasin.**

9.19. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni abbazi li l-Kunsill ghandu relazzjonijiet tajba mal-kumpanija kif ukoll minhabba li ghandhom l-ahjar offerta

9.20. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

9.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

***9.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jigi skuzat minhabba nteress pekunarju li kellu fl-offerti li kien imiss li jigu diskussa u ghalhekk halla l-kamra fit-8.55 pm.***

9.23. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla kienet li **Tender 04/2008 - Cleaning & Embellishment of Urban, Non Urban & Open Areas within Pembroke Boundaries tinghata lis-Sur Shawn Farrugia** u dan fid-dawl ukoll li l-Bord kien irrakkomanda li l-offerta ta' Chris & Ronald Bezzina ghandha tigi rifjutata minhabba li l-Bid Bond ma kienetx tal-valur mitlub.

9.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni abbazi li l-Kunsill kellu relazzjonijiet tajba mieghu f'dawn l-ahhar snin kif ukoll li l-prezzijiet tieghu huma kompetittivi hafna.

9.25. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

9.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.27. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla kienet li **Tender 06/2008 - Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens tinghata lis-Sur Shawn Farrugia.**

9.28. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni abbazi li l-Kunsill għandu relazzjonijiet tajba mal-kuntrattur kif ukoll li l-prezz huwa wiehed kompetittiv.

9.29. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

***9.31. Fit-8.57 pm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rega' dahal ghall-laqgha.***

9.32. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla kienet li **Kwotazzjoni 08/2008 – Servizz ta' Masgar,** il-Kunsill ghandu jitlob kjarifika dwar il-prezz mitlub vis-à-vis l-ammont minimu ta' sieghat offruti.

9.33. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

9.34. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

9.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.36. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla kienet li **Kwotazzjoni 09/2008 – Provvista ta' litter bins ma tinghata lil hadd izda** minflok li jixtraw litter bins mis-suq, permezz tal-haddiem ta' l-IPSL, il-Kunsill jixtri l-materjal li hemm bzonn u jigu mmanifatturati mill-Kunsill. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

9.37. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

9.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.39. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla kienet li **Kwotazzjoni 10/2008 – Tindif ta' l-Ufficcju Amministrattiv tinghata lill-kumpanija Mr. Clean.**

9.40. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni abbazi li l-Kunsill huwa sodisfatt bis-servizz provdut bhalissa kif ukoll abbazi li l-prezz tieghu huwa wiehed kompetittiv.

9.41. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.42. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutaw favur, is-Sindku Joe Zammit ivvota kontra u l-Kunsillier Joe Brincat astjena.

9.43. Il-mozzjoni giet approvata.

9.44. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla kienet li **Kwotazzjoni 11/2008 – Servizz ta' Avukat tinghata lill-Avv. Luciano Busuttil**.

9.45. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni abbazi li l-Kunsill huwa sodisfatt bis-servizz provdut bhalissa kif ukoll abbazi li l-prezz tieghu huwa wiehed kompetittiv.

9.46. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

9.47. Il-mozzjoni giet approvata.

9.48. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla kienet li **Kwotazzjoni 12/2008 – Provvista ta' boroz ta' l-iskart domestiku ghar-riciklagg** ma tergax tinhareg wara li ma kienx hemm konkorrenza.

9.49. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Konguntі ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kellux kummenti.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li bhas-snin li ghaddew il-Kunsill ghandu jorganizza attivita' ghall-anzjani nhar il-Hamis 11 ta' Dicembru 2008 billi ssir quddiesa u wara ssir bibita ghall-anzjani fejn il-Kunsill ghandu jitlob sponsor ghall-ikel u l-helu bhal ma sar fis-snin li ghaddew u l-Kunsill jixtri x-xorb li jkun hemm bzonn. Il-kelliem qal li fl-istess okkazjoni ghandha tigi mnedija ufficjalment l-Ghaqda Anzjani Pembroke fejn jigu mistiedna ukoll il-media, il-membri parlamentari tad-distrett il-Ministru koncernat u shadow minister tieghu. Il-kelliem ippropona ukoll li l-attivita' tat-tfal ghandha ssir nhar il-Hadd 21 ta' Dicembru 2008 fl-10.00 ta' filghodu fejn wara quddiesa t-tfal jittiehdu jaraw film fl-Eden Cinema fejn il-hlas isir mit-tfal stess u l-Kunsill jipprovdi biss rigal u helu wara li jintemm l-istess film. Attivita' ohra proposta kienet dik fejn il-membri tal-Kunsill jilbsu ta' Father Christmas u jmorru jqassmu rigali lit-tfal tal-lokal u dan wara li l-genituri taghhom ikunu iddepozitaw l-istess rigali fl-ufficcju tal-Kunsill minn jiem qabel. L-ahhar attivita' proposta kienet li l-Kunsill javza lir-residenti li l-Kunsill ser jilqa' donazzjonijiet minghand residenti sabiex imorru ghall-Istrina fejn dawn ser jigu pprezentati minn membri tal-Kunsill.

8.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.04. Rigward il-gbir ta' donazzjonijiet b'risq l-Istrina s-Sindku Joe Zammit qal li skond id-Direttur ghall-Gvern Lokali, din tista' ssir mill-Kunsill sakemm il-Kunsill johrog ircevuti ufficjali.

## 10. Approvazzjoni tal-kontijiet.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument F u G)**

10.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tad-dawl ta' Sit B San Gorg.

10.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Materji ohra.

11.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li minn Jannar li gej tixtieq li tibda torganizza Story Telling darba fil-gimgha fil-granet tal-ftuh tal-librerija ghal tfal ta' bejn it-6 u 8 snin u ghalhekk ipproponiet li tinhareg cirkulari f'dan is-sens.

11.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-ismijiet tat-toroq fiz-zona tal-bini l-gdid ghandhom jitwahhlu mal-faccata tad-djar sabiex ikunu aktar vizibbli.

11.05. Gie deciz li l-Kunsill jara kif l-ahjar li dawn jistghu isiru sabiex ma jkunx hemm problemi mar-residenti koncernati.

11.06. Il-laqgha ntemmet fl-10.20pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar il-Hamis 20 ta' Novembru 2008 fis-7.00 pm.

Joe Zammit
**Sindku**

Kevin Borg
**Segretarju Ezekuttiv**